

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/112

tal-25 ta' Jannar 2021

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1026 <sup>(2)</sup>, il-Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun ("il-Ftehim") ġie ffirmat fit-22 ta' Ġunju 2020, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti arranġamenti proċedurali għall-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-korpi konġunti stabbiliti skont il-Ftehim, għall-adozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja, talbiet għal konsultazzjonijiet u miżuri għas-sospensjoni tal-obbligi ta' aċċettazzjoni, kif ukoll għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar l-emendi tal-Annessi għall-Ftehim.
- (3) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill, fisem l-Unjoni, għandu jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 20(1) tal-Ftehim <sup>(3)</sup>.

*Artikolu 3*

1. L-Unjoni għandha tkun irrappreżentata fil-Kumitat Konġunt tal-Partijiet stabbilit skont l-Artikolu 11 tal-Ftehim ("il-Kumitat Konġunt") mill-Kummissjoni, meġhuna mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea u akkumpanjata mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni tal-Istati Membri bħala r-rappreżentanti tagħhom.

2. L-Unjoni għandha tkun irrappreżentata fil-Bord ta' Superviżjoni taċ-Ċertifikazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 3 tal-Anness 1 tal-Ftehim mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, meġhuna mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni tal-Istati Membri direttament ikkonċernati mill-aġenda għal kull laqgħa.

<sup>(1)</sup> Approvazzjoni tal-15 ta' Diċembru 2020 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(2)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1026 tal-24 ta' April 2020 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun (ĠU L 229, 16.7.2020, p. 1).

<sup>(3)</sup> Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

*Artikolu 4*

1. Il-Kummissjoni tista' tiegħu l-azzjonijiet li ġejjin:
  - (a) tadotta miżuri ta' salvagwardja f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 5(1) tal-Ftehim;
  - (b) titlob li jsiru konsultazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 16(3) tal-Ftehim;
  - (c) tiegħu miżuri għas-sospensjoni tal-obbligi ta' aċċettazzjoni reċiproka u tirrevoka din is-sospensjoni, f'konformità mal-Artikolu 17 tal-Ftehim.
2. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Kunsill biżżejjed minn qabel l-intenzjoni tagħha li tiegħu kwalunkwe azzjoni skont dan l-Artikolu.

*Artikolu 5*

Il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata li tapprova, f'isem l-Unjoni, l-emendi għall-Annessi għall-Ftehim adottati mill-Kumitat Konġunt f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 11(2) tal-Ftehim sa fejn dawn l-emendi jkunu konsistenti mal-atti legali rilevanti tal-Unjoni, u ma jinvolvu l-ebda modifika tagħhom, soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-approvazzjoni f'isem l-Unjoni:
  - tkun fl-interessi tal-Unjoni;
  - taqdi l-għanijiet li l-Unjoni ssegwi fil-qafas tal-politika tagħha dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni u l-kummerċ;
  - tqis l-interessi tal-manifatturi, il-kummerċjanti u l-konsumaturi tal-Unjoni;
  - ma tmurx kontra d-dritt tal-Unjoni jew id-dritt internazzjonali;
  - fejn applikabbli, tappoġġa t-titjib tal-kwalità tal-prodotti ajrunawtiċi ċivili billi tagħmilha aktar faċli li jinqabdu Prattiki frawdolenti u qarrieqa;
  - fejn applikabbli, ikollha l-għan tal-approssimazzjoni tal-istandards marbuta mal-prodotti ajrunawtiċi ċivili;
  - fejn applikabbli, tevita li toħloq ostakli għall-innovazzjoni; u
  - fejn applikabbli, tiffaċilita l-kummerċ tal-prodotti ajrunawtiċi ċivili; u
- (b) il-Kummissjoni tippreżenta l-emendi proposti lill-Kunsill b'mod f'waqtu qabel l-approvazzjoni tagħhom.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri għandu jivvaluta jekk l-emendi proposti jissodisfawx il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a) tal-ewwel paragrafu.

Il-Kummissjoni għandha tapprova l-emendi proposti f'isem l-Unjoni sakemm għadd ta' Stati Membri li jirrappreżentaw minoranza li timblokka tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ma joġġezzjonawx għalihom. Jekk ikun hemm din il-minoranza li timblokka, il-Kummissjoni għandha tirrifjuta l-emendi proposti f'isem l-Unjoni.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Jannar 2021.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

---